

EBA/GL/2018/05

17/09/2018

## Linji Gwida

dwar rekwiżiti ta' rappurtar għal data ta'  
frodi skont l-Artikolu 96(6) PSD2

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom jaapplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifika lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 19.11.2018. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2018/05'. In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifikasi ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu dettalji dwar data statistika dwar frodi relatati ma' mezzi ta' ħlas differenti li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, kif ukoll dwar id-data aggregata li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu mal-EBA u l-BĊE, skont l-Artikolu 96(6) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2).

### Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tar-rappurtar mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas lill-awtoritajiet kompetenti ta' data tal-istatistika dwar frodi għal tranżazzjonijiet ta' pagament li nbdew u ġew eżegwiti (inkluż dak akkwistat fejn applikabbli), inkluż l-akkwist ta' tranżazzjonijiet ta' pagament għal pagamenti bil-kard, identifikati b'referenza għal : (a) data ta' tranżazzjonijiet ta' pagament froudenti fuq perjodu ta' żmien definit u (b) tranżazzjonijiet ta' pagament matul l-istess perjodu definit.
7. Id-data rrappurtata skont l-analiżijiet tat-trasferimenti ta' kreditu għandha tħkludi trasferimenti ta' kreditu mwettqa permezz ta' magni awtomatiċi tal-kaxxiera b'funzjoni ta' trasferimenti ta' kreditu. Trasferimenti ta' kreditu użati sabiex isir saldu ta' bilanċi pendentii ta' tranżazzjonijiet permezz ta' kards b'funzjoni ta' kreditu jew debitu ttardjat għandhom jiġu inklużi wkoll.
8. Id-data rrappurtata skont l-analiżijiet ta' debitu dirett għandha tħkludi debiti diretti użati biex isir saldu ta' bilanċi pendentii ta' tranżazzjonijiet bl-użu ta' karti b'funzjoni ta' debitu jew ta' kreditu ttardjat.
9. Id-data rrappurtata skont l-analiżijiet tal-pagamenti bil-kards għandha tħkludi data dwar it-tranżazzjonijiet ta' pagament kollha permezz ta' kards tal-ħlas (elettroniċi u mhux elettroniċi). Ħħas bil-kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss (eż. kards imħalla minn qabel) m'għandux ikun inkluż fil-pagamenti bil-kards iżda għandu jiġi rrappurtat bħala flus elettroniċi.
10. Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu wkoll kif l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru d-data msemmija fil-paragrafu 6 li għandha tiġi pprovdu lill-BĊE u lill-EBA skont l-Artikolu 96(6) PSD2.
11. Il-Linji Gwida huma soġġetti għall-prinċipju ta' proporzjonalità, li jfisser li l-fornituri kollha ta' servizz ta' pagament fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji Gwida huma meħtieġa li jkunu konformi ma' kull Linja gwida, iżda r-rekwiżiti preċiżi, inkluż dwar il-frekwenza tar-rappurtar,

jistgħu jvarjaw bejn fornitori ta' servizzi ta' pagament, skont l-strument tal-ħlas użat, it-tip ta' servizzi provdu id-daqs tal-fornitur tas-servizz ta' pagament.

## Destinatarji

12. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lil:

- fornitori tas-servizzi ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4(11) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2) u kif imsemmi fid-definizzjoni ta' "istituzzjonijiet finanzjarji" fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010, minbarra fornitori ta' servizzi ta' informazzjoni ta' kont, u lil awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## Definizzjonijiet

13. Sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard, fir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro, fid-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern u fid-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi għandhom l-istess tifsira f'dawn il-Linji Gwida.

## Data ta' applikazzjoni

14. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019, bl-eċċeżżjoni tar-rappurtar ta' data relatata mal-eżenzjonijiet għar-rekwiżit li tintuża awtentikazzjoni qawwija tal-klijent prevista fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2018/389 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal awtentikazzjoni qawwija tal-klijent u standards miftuħa komuni u siguri ta' kommunikazzjoni, li se jkunu applikabbi mill-14 ta' Settembru 2019. Id-data relatata ma' dawn l-eżenzjonijiet hija ddettaljata fl-Anness 2 fl-Analiżi tad-data A ([1.3.1.2.4 to 1.3.1.2.9 and 1.3.2.2.4 to 1.3.2.2.8](#)~~1.3.1.2.2 u 1.3.2.2.2 u s-subkategoriji rispettivi~~), Ċ ([3.2.1.3.4 to 3.2.1.3.8 and 3.2.2.3.4 to 3.2.2.3.7](#)~~3.2.1.3.2 u 3.2.2.3.2 u s-subkategoriji rispettivi~~), D ([4.2.1.3.4 to 4.2.1.3.6 and 4.2.2.3.4 to 4.2.2.3.6](#)~~4.2.1.3.2 u 4.2.2.3.2 u s-subkategoriji rispettivi~~) u F ([6.1.2.4 to 6.1.2.9 and 6.2.2.4 to 6.2.2.7](#)~~6.1.2.2 u 6.2.2.2 u s-subkategoriji rispettivi~~).

## 3.1. Linji Gwida dwar ir-rappurtar tadata froudenti applikabbi għall-Fornituri tas-Servizzi ta' Pagament

---

### Linja Gwida 1 Tranżazzjonijiet ta' ħlas u tranżazzjonijiet ta' ħlas froudenti

- 1.1 Għall-iskopijiet tar-rappurtar ta' data statistika dwar frodi skont dawn il-Linji Gwida, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta għal kull perjodu ta' rappurtar:
  - a. tranżazzjonijiet ta' pagament mhux awtorizzati li jsiru, inkluż bħala riżultat tat-telf, is-serq jew il-miżappropriazzjoni ta' data ta' pagament sensittiva jew ta' strument ta' pagament, kemm jekk identifikabbi kif ukoll jekk le għall-pagatur qabel pagament u kemm jekk ikkawżata minn negliżenza gravi ta' min īħallas jew eżegwita fin-nuqqas ta' kunsens minn min īħallas ("tranżazzjonijiet ta' pagament mhux awtorizzati"); u
  - b. tranżazzjonijiet ta' ħlas magħmulu bħala riżultat ta' min qed īħallas li jkun manipulat mill-frodatur biex joħroġ ordni ta' ħlas, jew li jagħti l-istruzzjoni li jagħmel dan lill-fornitur tas-servizzi ta' pagament, in bona fede, għal kont ta' ħlas li jemmen li jappartjeni lil beneficijarju leġġitimu ("manipulazzjoni ta' min qed īħallas").
- 1.2 Għall-finijiet tal-Linja Gwida 1.1, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament (inkluż l-emittent tal-istruzzjoni tal-ħlas fejn applikabbi) għandu jirrapporta biss tranżazzjonijiet ta' pagament li nbdew u ġew eżegwiti (inkluż dak akkwistat fejn applikabbi). Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament m'għandux jirrapporta data dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas li, għalkemm marbuta ma' kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-Linja Gwida 1.1, ma ġewx eżegwiti u ma rriżultawx f'xi trasferimenti ta' fondi skont id-dispożizzjonijiet ta' PSD2.
- 1.3 Fil-każ ta' servizzi ta' rimessa ta' flus fejn il-fondi ġew trasferiti minn fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' min īħallas lil fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' rimessarju ta' flus ta' min īħallas (bħala parti minn tranżazzjoni ta' ħlas ta' rimessa ta' flus), huwa l-fornitur tas-servizzi ta' pagamenti ta' min īħallas, minflok il-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' rimettur tal-flus, li għandu jirrapporta t-tranżazzjonijiet ta' pagament mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min qed īħallas lir-rimessarju tal-flus. Tranżazzjonijiet bħal dawn m'għandhomx jiġu rrappurtati mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-beneficijarju tat-tranżazzjoni ta' ħlas ta' rimessa ta' flus.
- 1.4 Tranżazzjonijiet u tranżazzjonijiet froudenti fejn il-fondi ġew trasferiti minn fornitur ta' servizzi ta' pagamenti ta' rimessarju tal-flus mill-kontijiet tiegħu għal kont beneficijarju, inkluż permezz ta' arranġamenti li jikkumpensaw il-valur ta' tranżazzjonijiet multipli (arranġamenti

ta' netting), għandhom jiġu rrappurtati mill-fornitur tas-servizzi ta' pagamenti ta' rimessarju tal-flus skont l-Analiżi tad-data G fl-Anness 2.

- 1.5 Tranżazzjonijiet u tranżazzjonijiet frodulenti fejn il-flus elettroniċi ġew trasferiti minn fornitur ta' flus elettroniċi lil kont beneficijarju, inkluż meta l-fornitur tas-servizz ta' pagamenti ta' min iħallas huwa identiku għall-fornitur tas-servizz ta' pagamenti ta' min jitħallas, għandu jiġi rrappurtat mill-fornitur tal-flus elettroniċi skont l-Analiżi tad-data F fl-Anness 2. Fejn il-fornituri tas-servizzi ta' pagamenti huma differenti, il-ħlas huwa rrappurtat biss mill-fornitur tas-servizz ta' pagament ta' min iħallas biex jiġi evitat għadd doppu.
- 1.6 Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandhom jirrapportaw it-tranżazzjonijiet ta' ħlas u t-tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulenti skont dan li ġej:
  - a. "Tranżazzjonijiet ta' pagament frodulenti totali" jirreferu għat-tranżazzjonijiet kollha msemmija fil-Linja Gwida 1.1, irrispettivament minn jekk l-ammont tat-tranżazzjoni ta' pagament frodulenti kienx ġie rkuprat.
  - b. "Telf minħabba frodi għal kull detentur ta' responsabbiltà" tirreferi għat-telf mill-fornitur tas-servizz ta' pagament li jirrapporta, l-utent tas-servizz ta' pagament tiegħu jew oħrajin, li jirrifletti l-impatt attwali tal-frodi fuq bażi ta' fluss ta' flus. Peress li r-reġistrazzjoni tat-telf finanzjarju mġarrab jista' jiġi diżassoċċat fiż-żmien mit-tranżazzjonijiet frodulenti attwali u sabiex jiġu evitati r-reviżjonijiet tad-data rrappurtata purament minħabba dan id-dewmien taż-żmien immanent, it-telf finali ta' frodi għandu jiġi rrappurtat fil-perjodu meta jiġu rreġistrati fil-kotba tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament. Iċ-ċifri finali tat-telf ta' frodi m'għandhomx iqisu r-rifużjonijiet mill-aġenziji tal-assigurazzjoni minħabba li mhumiex relatati mal-prevenzjoni tal-frodi għall-iskopijiet ta' PSD2.
  - c. "Modifika ta' ordni ta' ħlas mill-frodatur" hija tip ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata kif definita fil-Linja Gwida 1.1(a) u tirreferi għal sitwazzjoni fejn il-frodatur jinterċetta u jimmodifika ordni leġittima ta' ħlas f'xi punt matul il-komunikazzjoni elettronika bejn il-mezz ta' min iħallas u l-fornituri tas-servizz ta' pagament (pereżempju permezz ta' malware jew attakki li jippermettu lil dawk li jattakkaw li jissemmgħu fuq il-komunikazzjoni bejn żewġ ospiti li jkunu qed jikkomunikaw leġittimamente (man-in-the-middle attacks)) jew jimmodifikaw l-istruzzjoni tal-ħlas fis-sistema tal-fornitur tas-servizz tal-pagament qabel ma l-ordni ta' ħlas hija kklerjata u saldata.
  - d. "Ħruġ ta' ordni ta' ħlas mill-frodatur" hija tip ta' tranżazzjoni mhux awtorizzata kif definita fil-Linja Gwida 1.1(a) u tirreferi għal sitwazzjoni fejn ordni falza ta' ħlas tinħareġ mill-frodatur wara li tkun kisbet id-data sensittiva ta' ħlas ta' min iħallas permezz ta' mezz frodulenti.

## Linja Gwida 2 Rekwiżiti ġenerali tad-data

- 2.1 Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta informazzjoni statistika dwar:

- a. total tat-tranżazzjonijiet ta' pagament skont it-tqassim differenti fl-Anness 2 u skont il-Linja Gwida 1; u
  - b. total tat-tranżazzjonijiet ta' pagament froudenti skont it-tqassim differenti fl-Anness 2 u kif definit fil-Linja Gwida 1.6(a).
- 2.2 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta l-informazzjoni statistika speċifikata fil-Linja gwida 2.1 kemm f'termini ta' volum (jiġifieri numru ta' tranżazzjonijiet jew tranżazzjonijiet froudenti) u valur (jiġifieri ammont ta' tranżazzjonijiet jew tranżazzjonijiet froudenti). Għandhom jirrapportaw il-volumi u l-valuri f'unitajiet attwali, b'żewġ deċimali għall-valuri.
- 2.3 Fornitut ta' servizzi ta' pagament awtorizzat, jew fergħa stabbilita, fi Stat Membru taż-żona tal-euro għandu jirrapporta l-valuri fil-munita tal-euro, filwaqt li fornitut ta' servizzi ta' pagament awtorizzat, jew fergħa stabbilita, fi Stat Membru li mhux qed jipparteċipa fiż-żona tal-euro għandu jirrapporta fil-munita ta' dak l-Istat Membru. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li qed jirrapportaw għandhom jikkonvertu data għal valuri ta' tranżazzjonijiet jew tranżazzjonijiet froudenti denominati f'munita oħra barra l-munita tal-euro jew il-munita uffiċjali tal-Istat Membru rilevanti fil-munita li għandhom jirrapportaw, billi jużaw ir-rati tal-kambju relevanti applikati għal dawn it-tranżazzjonijiet jew ir-rata medja tal-kambju ta' referenza tal-BĊE għall-perjodu ta' rappurtar applikabbi.
- 2.4 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta biss tranżazzjonijiet ta' ħlas li ġew eżegwiti, inklużi dawk it-tranżazzjonijiet li nbdew minn fornitut tas-servizzi ta' pagament tal-bidu. Tranżazzjonijiet froudenti previsti li huma mblukkati qabel ma jiġu eżegwiti minħabba suspect ta' frodi m'għandhomx jiġu inklużi.
- 2.5 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta l-informazzjoni statistika bi tqassim skont it-taqsim speċifikat fil-Linja Gwida 7 u kkumpilat fl-Anness 2.
- 2.6 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jidentifika t-tqassim tad-data applikabbi skont is-servizz(i) tal-ħlas u l-istruмент(i) tal-ħlas provdut u jissottometti d-data applikabbi lill-awtorità kompetenti.
- 2.7 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jiġura li d-data kollha rrappurtata lill-awtorità kompetenti tista' tkun referuta b'mod reċiproku skont l-Anness 2.
- 2.8 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jalloka kull tranżazzjoni għal subkategorija waħda biss għal kull ringiela ta' kull tqassim ta' data.
- 2.9 Fil-każ li serje ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas li qed jiġu eżegwiti, jew tranżazzjonijiet ta' ħlas froudenti li jkunu qed jiġu eżegwiti, il-fornitut tas-servizzi ta' pagament għandu jikkunsidra kull tranżazzjoni ta' ħlas jew tranżazzjoni ta' ħlas froudenti fis-serje biex tingħadd bħala waħda.
- 2.10 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament jista' jirrapporta żero ('0') fejn ma kien hemm l-ebda tranżazzjoni jew tranżazzjoni froudenti li jsiru għal indikatur partikolari fil-perjodu ta' rappurtar stabbilit. Fejn il-fornitut tas-servizzi ta' pagament ma jistax jirrapporta data għal

tqassim speċifiku minħabba li dak it-tqassim partikolari tad-data mhuwiex applikabbli għal dak il-PSP, id-data għandha tiġi rrapportata bħala "NA".

- 2.11 Sabiex jiġi evitat għadd doppju, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min iħallas għandu jissottometti d-data fil-kapaċità tal-ħruġ (jew tal-bidu) tiegħu. Bħala eċċejżjoni, id-data għall-ħlasijiet bil-kard għandha tiġi rrapportata kemm mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min qed iħallas u kemm mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min qed jitħallas li jakkwista t-tranżazzjoni ta' pagament. Iż-żewġ perspektivi għandhom jiġu rrapportati separatament, bi tqassim differenti kif dettaljat fl-Anness 2. Fil-każ li jkun hemm aktar minn fornitur wieħed tas-servizzi ta' pagament involut, il-fornitur li għandu r-relazzjoni kuntrattwali mal-benefiċjarju għandu jirrapporta. Barra minn hekk, għal debiti diretti, it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu rrapportati biss mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min jitħallas, minħabba li dawn it-tranżazzjonijiet huma mibdija minn min qed jitħallas.
- 2.12 Sabiex jiġi evitat għadd doppju meta jiġu kkalkulati t-tranżazzjonijiet totali u t-tranżazzjonijiet froudenti fl-strumenti kollha ta' ħlas, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament li jesegwixxi trasferimenti ta' kreditu mibdija minn fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' inizjazzjoni għandu jindika t-tqassim tal-volum u l-valur tat-tranżazzjonijiet totali u t-tranżazzjonijiet bi ħlas froudenti li nbdew permezz ta' fornitur tas-servizzi ta' pagamen tal-bidu meta kienu qed jirrapportaw skont it-Tqassim tad-data A.

### Linja Gwida 3 Frekwenza, skadenzi ta' rappurtar u perjodu ta' rapportar

- 3.1. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta d-data kull sitt xhur ibbażat fuq it-tqassim tad-data applikabbli fl-Anness 2.
- 3.2. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament li jibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 32 PSD2 u istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li jibbenefikaw mill-eżenzjoni skont l-Artikolu 9 Direttiva 2009/110/KE dwar il-bidu, l-insegwiment u s-superviżjoni prudenzjali tan-negożju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi għandhom jirrapportaw is-sett ta' data mitluba skont il-formola(i) applikabbli fl-Anness 2 fuq bażi annwali b'data mqassma f'żewġ perjodi ta' sitt xhur.
- 3.3. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jissottometti d-data tiegħu fil-limiti taż-żmien stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi.

### Linja Gwida 4 Dīzaggregazzjoni ġeografika

- 4.1 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta d-data għal tranżazzjonijiet li huma domestiċi, transkonfinali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), u transkonfinali barra ż-ŻEE.
- 4.2 Għal tranżazzjonijiet ta' pagament mhux ibbażati fuq kard, u tranżazzjonijiet ta' pagament abbażi ta' kard remota, "tranżazzjonijiet ta' pagament domestiku" jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija minn min iħallas, jew minn benefiċjarju jew permezz tiegħu, fejn il-

fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jinsabu fl-istess Stat Membru.

- 4.3 Għal tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq kards mhux remoti, "tranżazzjonijiet ta' pagament domestiku" jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' pagament fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min iħallas (emittent), il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' min jitħallas (akkwired) u l-punt tal-bejgħ (POS) jew magna tat-tranżazzjonijiet awtomatiċi tal-flus (ATM) użati jinsabu fl-istess Stat Membru.
- 4.4 Għal fergħat taż-ŻEE, tranżazzjonijiet ta' pagamenti domestiċi jirreferu kemm għal tranżazzjonijiet ta' pagament fejn kemm min iħallas u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju huma fl-Istat Membru ospitanti fejn hija stabbilita l-fergħa.
- 4.5 Għal tranżazzjonijiet ta' pagament mhux ibbażati fuq kard, u tranżazzjonijiet ta' pagament abbażi ta' kard remota, "Tranżazzjoni ta' pagament transkonfinali fiż-ŻEE" tirreferi għal tranżazzjoni ta' pagament mibdija minn min iħallas, jew minn benefiċjarju jew permezz tiegħu, fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jinsabu fi Stati Membri differenti.
- 4.6 Għal tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq kards mhux remoti, "tranżazzjonijiet ta' pagament transkonfinali fiż-ŻEE" jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' pagament fejn il-fornitur tas-servizzi ta' pagament ta' min iħallas (emittent) u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament ta' min jitħallas (akkwired) huma fi Stati Membri differenti jew il-fornituri tas-servizzi ta' pagament ta' min iħallas (emittent) jinsab fi Stat Membru differenti minn dak tal-POS jew l-ATM.
- 4.7 "Tranżazzjonijiet ta' pagament transkonfinali barra ż-ŻEE" jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija minn min iħallas, jew minn benefiċjarju jew permezz tiegħu, fejn jew il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' min iħallas jew tal-benefiċjarju jinsab barra ż-ŻEE filwaqt li l-ieħor jinsab fiż-ŻEE.
- 4.8 Fornitur ta' servizzi ta' pagament li joffri servizzi ta' inizjazzjoni ta' pagament għandu jirrapporta t-tranżazzjonijiet ta' pagament eżegwiti li jkun beda u t-tranżazzjonijiet froudenti eżegwiti li jkun beda skont dan li ġej:
  - a. "Tranżazzjonijiet ta' pagament domestiku" tirreferi għal tranżazzjonijiet ta' pagament, fejn il-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxi l-kont jinsabu fl-istess Stat Membru;
  - b. "Tranżazzjonijiet ta' pagament transkonfinali fiż-ŻEE" jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' pagament, fejn il-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jiġestixxi l-kont jinsabu fi Stati Membri differenti;
  - c. c. "Tranżazzjonijiet ta' pagament transkonfinali barra ż-ŻEE" jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' pagament, fejn il-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament ikun fiż-ŻEE u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jiġestixxi l-kont jinsab barra ż-ŻEE.

## Linja Gwida 5 Rappurtar lill-awtorità kompetenti

- 5.1. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.
- 5.2. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirreġistra d-data mill-aġenti kollha tiegħu, li jipprovdu servizzi ta' pagament fiż-ŻEE u jiġbor flimkien din id-data mal-bqija tad-data qabel ma jirrapporta lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż. Meta tagħmel dan, il-post tal-aġent huwa irrilevanti għad-determinazzjoni tal-perspektiva ġeografika.
- 5.3. Fi ħdan il-qafas tal-monitoraġġ u r-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 29(2) PSD2 u fl-Artikolu 40 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attivitā ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, fergħa stabbilita ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament taż-ŻEE għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitant fejn hija stabbilita, separatament mid-data tar-rappurtar tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament fl-Istat Membru tad-domiċilju.
- 5.4. Meta jirrapporta data lill-awtorità kompetenti korrispondenti, fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jsemmi d-dettalji ta' identifikazzjoni msemmija fl-Anness 1.

## Linja Gwida 6 Dati ta' regiestrazzjoni/referenza

- 6.1 Id-data li għandha tiġi kkunsidrata mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament għar-regiestrazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament u tranżazzjonijiet ta' pagament frodulenti għall-iskop ta' dan ir-rappurtar statistiku hija l-ġurnata li fiha t-tranżazzjoni ġiet esegwita skont PSD2. Fil-każ ta' serje ta' tranżazzjonijiet, id-data rreġistrata għandha tkun id-data meta kull tranżazzjoni ta' pagament individwali tkun ġiet eżegwita.
- 6.2 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta t-tranżazzjonijiet ta' pagament frodulenti kollha mill-ħin li fih ikunu nstabu l-frodi, bħal permezz ta' ilment tal-klient jew mezzi oħra, irrisspettivament minn jekk il-każ relata mat-tranżazzjoni ta' pagament frodulenti ngħalaqx jew le sal-ħin li d-data ġiet irrapprtata.
- 6.3 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jirrapporta l-aġġustamenti kollha għad-data li tirreferi għal kwalunkwe perjodu ta' rappurtagġġ fl-imgħodd mill-inqas sa sena qabel matul l-opportunità ta' rappurtar li jmiss wara li tiġi skoperta l-informazzjoni li tkun teħtieġ l-aġġustamenti. Għandu jindika li d-data rrappurtata huma ċifri riveduti applikabbli għall-perjodu tal-passat u għandu jirrapporta din ir-reviżjoni skont il-metodoloġija stabbilita mill-awtorità kompetenti rilevanti.

## Linja gwida 7 Tqassim tad-data

- 7.1 Għal tranżazzjonijiet ta' pagamenti bi flus elettroniċi kif definiti fid-Direttiva 2009/110/KE, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jipprovdi data skont it-Tqassim tad-data F fl-Anness 2.

- 7.2 Meta tkun qed tipprovdi data dwar tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jinkludi tranżazzjonijiet ta' pagament ta' flus elettroniċi
- fejn il-PSP ta' min iħallas huwa identiku għall-PSP tal-benefiċjarju, jew
  - fejn tintuża kard b'funzjonalità tal-flus elettroniċi.
- 7.3 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għall-iskop ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bi flus elettroniċi għandu jirrapporta data dwar volumi u valuri tat-tranżazzjonijiet ta' pagament kollha, kif ukoll volumi u valuri ta' tranżazzjonijiet ta' pagament froudenti, bit-tqassim li ġej:
- perspettiva ġeografika,
  - mezz ta' pagament,
  - metodu ta' awtentikazzjoni,
  - raġuni għaliex ma ġietx applikata awtentikazzjoni b'saħħħtha tal-klijent (li tirreferi għall-eżenzjonijiet għal awtentikazzjoni b'saħħħitha tal-klijent dettaljata fil-kapitolu 3 tal-istands tekniċi Regolatorji dwar awtentikazzjoni b'saħħħitha tal-klijent u komunikazzjoni komuni u sigura, Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2018/389), u
  - tipi ta' frodi.
- 7.4 Għal servizzi ta' rimessa ta' flus, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jipprovdi data skont it-Tqassim tad-Data G fl-Anness 2 u kif speċifikat fil-Linjal Gwida 1.3. Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament li joffri dawn is-servizzi għandu jirrapporta data dwar il-volumi u l-valuri tat-tranżazzjonijiet ta' pagament kollha u t-tranżazzjonijiet ta' pagament froudenti fil-Linjal gwida 2.1 bil-perspettiva ġeografika.
- 7.5 Meta jipprovdi servizzi ta' inizjazzjoni ta' pagament tal-fornitur, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jipprovdi data skont it-Tqassim tad-data H tal-Anness 2. Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jirrapporta t-tranżazzjonijiet ta' pagament eżegwiti li jkun beda u t-tranżazzjonijiet froudenti eżegwiti li jkun beda, kemm b'volum u kemm b'valur.
- 7.6 Għal dawk it-tranżazzjonijiet ta' pagament li jikkwalifikaw għat-Tqassim tad-Data H fl-Anness 2, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament li joffri servizzi ta' inizjazzjoni ta' pagament għandu jirregista u jirrapporta data dwar volumi u valuri bit-taqsimiet li ġejjin:
- perspettiva ġeografika,
  - strument tal-ħlas,
  - mezz ta' pagament, u
  - metodu ta' awtentikazzjoni.
- 7.7 Fornitur ta' servizzi ta' pagament li ma jimmanigħgax il-kont tal-utent tas-servizzi ta' pagament iżda joħroġ u jeżegwixxi ħlasijiet ibbażati fuq kards (emittent ta' strument ta' pagament ibbażat fuq il-kards) għandu jipprovdi data dwar volumi u valuri, skont it-Tqassim tad-Data Ċ u/jew E fl-Anness 2. Meta din id-data tiġi pprovdu, il-fornitur tas-servizzi ta' pagament tas-

servizz tal-kont għandu jiġura li ma jkun hemm l-ebda rappurtar doppju ta' tranżazzjonijiet bħal dawn.

- 7.8 Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament li joffri servizzi ta' trasferiment ta' kreditu u servizzi bbażati fuq il-kards għandu jipprovdi data skont it-Tqassim tad-Data A, Ċ u/jew D fl-Anness 2, skont l-strument tal-ħlas użat għal tranżazzjoni ta' pagament partikolari u dwar ir-rwol tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament. Id-data tinkludi:
- perspettiva ġeografika,
  - mezz ta' pagament,
  - metodu ta' awtentikazzjoni,
  - raġuni għalfejn ma ġietx applikata awtentikazzjoni qawwija tal-klijent (li tirreferi għal eżenzjonijiet għal awtentikazzjoni qawwija tal-klijent dettaljata fil-kapitolu 3 tal-RTS dwar SCA u CSC),
  - tipi ta' frodi,
  - funzjoni tal-kard għat-Tqassim tad-Data C u D, u
  - tranżazzjonijiet ta' ħlas mibdija permezz ta' fornitur tas-servizzi tal-bidu ta' pagament għat-Tqassim tad-Data A.
- 7.9 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jipprovdi data skont it-Tqassim tad-Data A fl-Anness 2 għat-tranżazzjonijiet ta' pagament kollha u t-tranżazzjonijiet ta' pagament froudenti eżegwiti bl-użu ta' trasferimenti ta' kreditu.
- 7.10 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jipprovdi data skont it-Tqassim tad-Data B fl-Anness 2 għat-tranżazzjonijiet ta' pagament kollha u t-tranżazzjonijiet ta' pagament froudenti eżegwiti bl-użu ta' debiti diretti. Id-data tinkludi:
- perspettiva ġeografika,
  - mezz użat għall-kunsens li għandu jingħata, u
  - tipi ta' frodi.
- 7.11 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jipprovdi data skont it-Tqassim tad-data Ċ fl-Anness 2 għat-tranżazzjonijiet ta' pagament kollha u tranżazzjonijiet ta' pagament froudenti min-naħħa tal-emittent fejn tkun intużat kard ta' pagament u l-fornitur tas-servizzi ta' pagament kien il-fornitur tas-servizzi ta' pagamenti ta' min iħallas.
- 7.12 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament għandu jipprovdi data skont it-Tqassim tad-Data D fl-Anness 2 għat-tranżazzjonijiet ta' pagament kollha u tranżazzjonijiet ta' pagament froudenti min-naħħa tal-akkwist fejn tkun intużat kard ta' pagament u l-fornitur tas-servizzi ta' pagament huwa l-fornitur tas-servizzi ta' pagamenti ta' min jitħallas.

- 7.13 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament li jipprovi data skont it-Tqassim tad-data A sa F fl-Anness 2 għandu jirrapporta t-telf kollu dovut għal frodi għal kull sid ta' responsabbiltà matul il-perjodu ta' rapportaġġ.
- 7.14 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament li jirrapporta tranżazzjonijiet ta' pagament bil-kard skont it-Tqassim tad-Data C u D fl-Anness 2 għandu jeskludi l-ġbid ta' flus kontanti u d-depożiti ta' flus kontanti.
- 7.15 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament (emittent) għandu jipprovi data skont it-Tqassim tad-Data E fl-Anness 2 għall-ġbid ta' flus kontanti u ġbid ta' flus froudenti permezz ta' apps, f'ATMs, fil-banek u permezz ta' bejjiegħha bl-imnut ('flus lura') bl-użu ta' kards.

## 3.2. Linji gwida dwar ir-rappurtar tadata tal-frodi aggregata mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA u l-BĊE

---

### Linja Gwida 1 Tranżazzjonijiet ta' ħlas u tranżazzjonijiet ta' ħlas froudenti

- 1.1. Għall-iskopijiet ta' rappurtar ta' data statistika dwar frodi lill-EBA u lill-BĊE skont dawn il-Linji Gwida u mal-Artikolu 96(6) PSD2, l-awtorità kompetenti għandha tirrapporta għal kull perjodu ta' rappurtar:
  - a. tranżazzjonijiet ta' pagament mhux awtorizzati li jsiru, inkluż bħala riżultat tat-telf, is-serq jew il-miżapproprijazzjoni ta' data ta' pagament sensittiva jew ta' strument ta' pagament, kemm jekk identifikabbli kif ukoll jekk le sal-pagatur qabel pagament u kemm jekk ikkawżata minn negliżenza gravi ta' min īħallas jew eżegwita fin-nuqqas ta' kunsens minn min īħallas ("tranżazzjoni ta' pagament mhux awtorizzata"); u
  - b. tranżazzjonijiet ta' ħlas magħmulu bħala riżultat ta' min qed īħallas li jkun manipulat mill-frodatur biex joħroġ ordni ta' ħlas, jew li jagħti l-istruzzjoni li jagħmel dan lill-fornitur tas-servizzi ta' pagament, in bona fede, għal kont ta' ħlas li jemmen li jappartjeni lil beneficijarju leġġitimu ("manipulazzjoni ta' min qed īħallas").
- 1.2. Għall-finijiet tal-Linja Gwida 1.1, l-awtorità kompetenti għandha tirrapporta biss tranżazzjonijiet ta' pagament li nbdew u ġew eżegwiti (inklużi dawk akkwistati fejn applikabbli) minn forniturei ta' servizzi ta' pagament (inklużi emittenti ta' strument ta' pagament ibbażat fuq il-kards fejn applikabbli). L-awtorità kompetenti m'għandhiex tirrapporta data dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas li, għalkemm marbuta ma' kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-Linja Gwida 1.1, ma ġewx eżegwiti u ma rriżultawx f'xi trasferiment ta' fondi skont id-dispożizzjonijiet ta' PSD2.
- 1.3. L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta t-tranżazzjonijiet ta' ħlas u t-tranżazzjonijiet ta' ħlas froudenti skont dan li ġej:
  - a. Għal tranżazzjonijiet ta' ħlas mhux ibbażati fuq kard u tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq kard remota, "tranżazzjonijiet ta' pagament domestiku" jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija minn min īħallas, jew minn beneficijarju jew permezz tiegħi, fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-beneficijarju jkunu jinsabu fl-istess Stat Membru,

- b. Għal fergħat taż-ŻEE, tranżazzjonijiet ta' pagamenti domestiċi jirreferu kemm għal tranżazzjonijiet ta' pagament fejn kemm min īħallas u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju huma fl-Istat Membru ospitanti fejn hija stabbilita l-fergħa.
  - c. Għal tranżazzjonijiet ta' pagament mhux ibbażati fuq kard, u tranżazzjonijiet ta' pagament abbażi ta' kard remota, "Tranżazzjonijiet ta' pagament transkonfinali fiż-ŻEE" jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija minn min īħallas, jew minn benefiċjarju jew permezz tiegħu, fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju jinsabu fi Stati Membri differenti.
